# PRIM' AWLA
# QORTI CIVILI

## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Sittax (16) ta' Ġunju 2022**

**Rikors Numru 111/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**L-Avukat Dottor Alexander Schembri**, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 0373282 (M), għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpanija estera **FER.METAL.SUD S.p.A.**, bl-uffiċċju reġistrat ġewwa Francavilla Fontana (BR), C.da Capitolo Grande - Zona Industriale, Italja

Vs.

**AGROGLOBAL SE**, bin-numru ta' reġistrazzjoni SE 2, bl-uffiċċju reġistrat ġewwa Aragon House Business Centre, Level 2, Dragonara Road, St. Julian's

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 9 ta' Frar 2022, li permezz tiegħu r-rikorrenti *nomine* talab is-segwenti:

    ***I.*** *ILLI l-esponent Avukat Dottor Alexander Schembri, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 0373282 (M), ġie debitament awtorizzat sabiex jippreżenta l-proċeduri odjerni għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpanija estera* ***FER.METAL.SUD S.p.A.*** *["Rikorrenti"], bl-uffiċċju reġistrat ġewwa Francavilla Fontana (BR), C.da Capitolo Grande - Zona Industriale, Italja, bis-saħħa ta' riżoluzzjoni tal-bord tad-diretturi tal-*

*istess Rikorrenti tal-10 ta' Diċembru 2021 li kopja tagħhha qed tiġi hawn annessa (**DOK: A**);*

***II.*** *ILLI, permezz ta' deċiżjoni tat-Tribunale Di Brindisi, ossija deċiżjoni numru **512/2020** tal-10 ta' Mejju 2020 ["Deċiżjoni"], il-kumpanija **AGROGLOBAL SE** ["Intimata"] ġiet ordnata sabiex tħallas, lir-Rikorrenti, u fi żmien mhux aktar tard minn erbgħin (40) jum minn notifika tal-istess Deċiżjoni, s-somma ta' mija u erbgħa u sebgħin elf, tmien mija u tnejn u erbgħin Ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€174,842.36) bħala sorte, u dan oltre l-imgħaxijiet dekorribbli minn tletin (30) ġurnata mid-data tan-notifika ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv, flimkien mas-somma kumplessiva ta' elfejn, ħames mija u wieħed u erbgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€2,541.50) bħala spejjeż legali, u dan għar-raġunijiet hemm imfissra;*

***III.*** *ILLI minkejja li d-Deċiżjoni ġiet debitament notifikata lill-Intimata, l-istess Intimata qatt ma kkontestat din l-istess Deċiżjoni, li kopja oriġinali tagħha, flimkien ma' traduzzjoni għall-Ingliż, qed tiġi hawn annessa (**DOK: B**);*

***IV.*** *ILLI, inoltre, minkejja li l-Intimata ġiet, sussegwentement, debitament interpellata u notifikata sabiex tħallas, lir-Rikorrenti, l-ammont kumplessiv ta' mitejn u dsatax-il elf, mitejn u disgħin Ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€219,290.83), rappreżentanti sorte, imgħaxijiet dekorribbli sal-15 ta'Marzu 2021, u spejjeż legali, skond l-istess Deċiżjoni, l-istess l-Intimata baqgħet inadempjenti (**DOK: C**);*

***V.*** *ILLI peress li l-proċeduri relattivi għad-Deċiżjoni ġew istwiti wara l-10 ta' Jannar 2015, il-proċedura għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni ġewwa Malta hija regolata bir-Regolament (UE) Numru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali ["Regolament"], u dan skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66 (1) ta' l-istess Regolament;*

***VI.*** *ILLI, fil-fehma umli tar-Rikorrenti, għall-finijiet u l-effetti kollha ta' l-Artikolu 36 (2) tar-Regolament, m'hemm l-ebda raġuni kif imsemmi fl-Artikolu 45 ta' l-istess Regolament għal rifjut ta' rikonoxximent minn din l-Onorabbli Qorti tad-Deċiżjoni kif mogħtija mit-Tribunale di Brindisi bħala titolu eżekuttiv;*

***VII.*** *ILLI, għalhekk, ir-Rikorrenti tixtieq illi tinvoka f'Malta r-rikonoxximent ta' l-istess Deċiżjoni bħala titolu eżekuttiv, sabiex l-istess Rikorrenti tkun tista' tgħaddi għall-eżekuzzjoni tal-istess Deċiżjoni kontra l-Intimata, u dan, fost oħrajn, billi jidher illi l-istess Intimata għandha assi materjali f'Malta;*

***VIII.*** *ILLI, għal dan il-għan, ir-Rikorrenti qed tannetti kopja originali taċ-ċertifikat, flimkien ma' traduzzjoni għall-Ingliż tal-istess, kif maħruġ mit-Tribunale Di Brindisi skond l-Artikolu 53 tar-Regolament (**DOK: D**);*

*GHALDAQSTANT, u għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, r-Rikorrenti titlob umilment u bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirrikonoxxi d-Deċiżjoni tat-Tribunale Di Brindisi, ossija deċiżjoni numru **512/2020** tal-10 ta' Mejju 2020, bħala titolu eżekuttiv f'Malta għall-finijiet u l-effetti kollha tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 36 et sequitur tar-Regolament (UE) Numru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, u dan bl-ispejjeż kollha kontra l-Intimata, u salv kull provvediment ulterjuri li din l-istess Onorabbli Qorti jista' jogħġobha timponi.*

2. Rat illi fil-21 ta' Frar 2022, il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għall-5 ta' April 2022.

3. Rat illi fid-9 ta' Mejju 2022, is-soċjeta' intimata Agroglobal SE ġiet debitament notifikata ġewwa l-uffiċini tagħha ġo Aragon House Business Centre, Level 2, Dragonara Road, St. Julians. (fol 46 tergo)

4. Rat illi fit-13 ta' Ġunju 2022, meta ssejjħet il-kawża, ma deher ħadd għas-soċjeta' intimata.

5. Rat ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 illi tipprovdi għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi mogħtija fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea ġewwa Malta.

6. Rat iċ-ċertifikat maħruġ mit-Tribunale ta' Brindisi, ġewwa l-Italja maħruġ a tenur tal-Artikolu 53 tar-Regolament 1215/2012 fit-8 ta' Novembru 2021 (fol 29 sa 39).

7. Rat illi, abbażi tal-Artikolu 36(2) tar-Regolament 1215/2012, ma hemm l-ebda raġuni għalxiex tali talba ta' rikonoxximent tas-sentenza tat-Tribunale ta' Brindisi ġewwa l-Italja ma għandhiex tintlaqa'.

8. Tiddikjara li l-proċeduri odjerni w d-dokumentazzjoni eżebita jissodisfaw ir-Regolamenti fuq indikati;

9. In vista ta' dan, din il-Qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti *nomine* ipprova l-każ tiegħu skont il-liġi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

**Il-Qorti,**

**Tilqa'** t-talbiet tar-rikorrenti *nominee* kif dedotti;

**Tiddikjara li qed tirrikonoxxi** d-Deċiżjoni tat-Tribunale Di Brindisi, ossija deċiżjoni numru **512/2020** tal-10 ta' Mejju 2020, bħala titolu eżekuttiv f'Malta għall-finijiet u l-effetti kollha tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 36 *et sequitur* tar-Regolament (UE) Numru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimata.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**